**EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2004**
Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

ISEM: ________________________________ KLASSI: ________________

## A. Qabbel is-sentenzi dwar Mosè u l-Kmandamenti t’Alla. Ara l-eżempju numru 1. (10 marki)



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | **Mosè kien Lhudi** | | bla ma tinqered. |
| 2. | Mosè ra siġra ta’ l-għollieq taqbad | | għand il-Fargħun. |
| 3. | Fis-siġra taqbad, Alla wera li hu | 1 | **imma twieled fl-Eġittu.** |
| 4. | Alla bagħat lil Mosè | | kbir, qawwi u qaddis. |
| 5. | Alla kien jimxi quddiem il-Lhud | | l-akbar ġrajja fit-Testment il-Qadim. |
| 6. | Il-Lhud ħelsu mill-Eġittu | | f’kolonna tan-nar. |
| 7. | Il-ġrajja tal-ħruġ mill-Eġittu hi | | meta qasmu l-Baħar tal-Qasab. |




| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | Alla ta l-Kmandamenti | | “Ma jkollokx Alla ieħor għajri”. |
| 9. | L-ewwel Kmandament hu | | “ La tixhidx ħaġa b’oħra”. |
| 10. | Is-seba’ Kmandament hu | | lil Mosè fuq il-muntanja Sinaj. |
| 11. | It-tmien Kmandament hu | | “La tisraqx”. |

**B. Kompli dawn is-sentenzi dwar Isaija. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba. Ara l-eżempju. (10 marki)**

**Eżempju:** In-nies li kienu jħabbru l-Kelma t'Alla qabel ġie Ġesù kienu

a) l-għalliema.
b) **<u>l-profeti</u>.**
ċ) l-foqra.

1. Alla sejjaħ lil Isaija meta kien
   a) jitlob id-dar.
   b) dieħel fit-tempju.
   ċ) jaħdem fl-għalqa.

2. Isaija ra f'dehra
   a) lil Ġesù fuq is-salib.
   b) lill-bnedmin tad-dinja kollha.
   ċ) lil Alla fuq it-tron.

3. Isaija beża' għax
   a) kien midneb.
   b) ma kienx jaf skola.
   ċ) l-art bdiet tirtogħod.

4. Isaija qal lil-Lhud li kienu qishom
   a) torri nieżel mis-sema.
   b) merħla nagħaġ bla ragħaj.
   ċ) għalqa dwieli li jagħmlu għeneb qares.

5. Isaija ħabbar li
   a) xebba kien se jkollha iben.
   b) Ġerusalemm kienet se ssir belt kapitali.
   ċ) ħafna nies se jsiru Nsara.

6. Isaija sejjaħ lill-Messija
   a) Sultan ta' Ġerusalemm.
   b) Gwerrier li dejjem jirbaħ.
   ċ) il-Mexxej li jġibilna l-paċi.

7. Il-ktieb ta' Isaija nsibuh
   a) fl-Istorja ta' Malta.
   b) fit-Testment il-Qadim.
   ċ) fit-Testment il-Ġdid.

8. Isaija kien jgħix
   a) qabel Kristu.
   b) wara Kristu.
   ċ) fi żmienna.

9. Isaija kiteb bil-għajnuna
   - a) ta' l-għorrief ta' dak iż-żmien.
   - b) tal-kotba fuq Ġesù.
   - ċ) ta' l-Ispirtu s-Santu.

10. Isaija qal lin-nies
   - a) biex jiġġieldu kontra r-Rumani.
   - b) imorru l-quddies nhar ta' Ħadd.
   - ċ) biex jippreparaw ruħhom għall-miġja tal-Messija.

## Ċ. Qabbel is-sentenzi f'kolonna A ma' dawk f'kolonna B kif qalhom Ġesù. Iktibhom taħt. Ara l-eżempju numru 1. (10 marki)



| | A | B |
|---|---|---|
| 1. | ~~**Dak li tagħmlu ma' wieħed minn dawn**~~ | jinqered. |
| 2. | Intom id-dawl | huma jsibu ħniena. |
| 3. | Min jagħti bis-sejf, bis-sejf | tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet. |
| 4. | Henjin dawk li jħennu għax | ~~**tkunu qegħdin tagħmluh miegħi.**~~ |
| 5. | Henjin dawk ta' qalbhom safja għax | tad-dinja. |
| 6. | Henjin il-fqar fl-ispirtu għax | huma jaraw 'l Alla. |

| | |
|---|---|
| **Eżempju: 1. Dak li tagħmlu ma' wieħed minn dawn tkunu qegħdin tagħmluh miegħi**. | |
| 2. | |
| | |
| 3. | |
| | |
| 4. | |
| | |
| 5. | |
| | |
| 6. | |
| | |

**D. Xi qaddisin tant urew imħabba lejn Ġesù li mietu martri għalih.**
**Agħmel sinjal (✓) fil-kaxxa ħdejn l-erba' qaddisin li mietu martri.**
**Ara l-eżempju. (10 marki)**

**Eżempju:**

| | |
|---|---|
| **San Lawrenz** | ✓ |

| | |
|---|---|
| San Ġużepp | |
| San Ġustinu | |
| San Stiefnu | |
| San Franġisk | |
| Santa Marija Goretti | |
| Sant'Agata | |
| Santa Kjara | |
| Sant'Anna | |





***(4 marki)***

**Imla l-vojt.**

1. Henjin dawk li jbatu minħabba s- __________________________.
2. Il-martri rebħu bil-qawwa ta' l- ___________________________.
3. San __________________________ kien l-ewwel martri. ***(6 marki)***

**E. Aqra dawn is-sentenzi meħudin mill-Misteri tar-Rużarju.**
**Agħmel sing taħt il-Misteri tal-Ferħ biss. (10 marki)**

1. Meta l-anġlu Gabrijiel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla.
2. Meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli.
3. Meta Sidna Ġesù tgħammed fix-xmara Ġordan.
4. Meta Sidtna Marija żaret lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta.
5. Meta Sidna Ġesù kien inkurunat bix-xewk.
6. Meta Sidna Ġesù rxoxta mill-mewt.
7. Meta Sidna Ġesù twieled fl-għar ta' Betlem.
8. Meta Sidna Ġesù kien ippreżentat fit-tempju.
9. Meta Sidtna Marija ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.
10. Meta Sidtna Marija tilfet 'il binha Ġesù u sabitu fit-tempju jiddisputa mad-dutturi.



**F. Aqra sewwa din l-istorja. Wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (10 marki)**

F'raħal żgħir fi Franza kien joqgħod bidwi li qatt ma mar skola. Meta kien jiġi mill-għalqa, kien jidħol fil-knisja tar-raħal u joqgħod hemm ħin twil iħares lejn it-tabernaklu. Darba, il-kappillan tar-raħal ġietu kurżità biex ikun jaf x'talb kien qed jgħid il-bidwi. Hu kien jarah jiġi kuljum il-knisja jħares lejn it-tabernaklu.

"Xi tkun qed titlob?" staqsieh il-kappillan.

"Jien ma nafx ngħid talb bl-amment," wieġbu l-bidwi. "Jien niġi hawn biex niltaqa' ma' Ġesù, noqgħod inħares lejh u hu jħares lejja. Jien ma nafx skola, Sur kappillan. Niġi hawn biex nara lil Ġesù bħala l-ikbar ħabib tiegħi."



**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba fil-mistoqsijiet numru 1 sa 4.**

1. Għaliex il-bidwi kien imur il-knisja kuljum? ***(marka)***
   a) biex jisma' l-quddies
   b) biex jgħid ir-Rużarju
   ċ) biex iħares lejn Ġesù

2. X' kien jagħmel il-bidwi fil-knisja? ***(marka)***
   a) Kien jgħin lill-kappillan.
   b) Kien iħares lejn it-tabernaklu.
   ċ) Kien iħares lejn is-salib.

3. Liema talba kien jgħid il-bidwi? ***(marka)***
   a) Kien jaqra l-Bibbja.
   b) Kien jgħid it-talba ta' fil-għaxija.
   ċ) Ma kien jgħid xejn.

4. Xi xtaq il-bidwi? ***(marka)***
   a) li jaqla' grazzja kbira
   b) li juri lil Ġesù li kien iħobbu
   ċ) li jitlob lil Ġesù jaħfirlu

**Wieġeb għall-mistoqsijiet li ġejjin:**

5. X'inhi l-aktar ħaġa importanti fit-talb? ***(2 marki)***

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Agħti eżempju ta' xi ħin meta l-familja titlob flimkien? ***(marka)***

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Għaliex għandna nirringrazzjaw lil Alla fit-talb tagħna? ***(3 marki)***

_______________________________________________

_______________________________________________

## Ġ. Biex nikbru u ngħixu bħal Ġesù, għandna nobdu t-tagħlim tiegħu. X'għandhom jagħmlu dawn it-tfal biex jikbru u jgħixu bħal Ġesù?

**(15-il marka)**

**Eżempju:**

Missier il-ħabiba t'**<u>Anna</u>** ilu ħafna snin marid u bla xogħol.
**Anna għandha <u>tara kif tista' tgħin lill-ħabiba tagħha u taqsam magħha l-ġugarelli u dak kollu li jkollha bżonn</u>.**

1. Paul sar jaf li sieħbu qiegħed l-isptar.

   Paul għandu _______________________________________________

   _______________________________________________

   _______________________________________________

2. Fit-triq fejn toqgħod Vanessa tgħix mara xiħa f'dar weħidha.

   Vanessa għandha _______________________________________________

   _______________________________________________

   _______________________________________________

3. Kate saret taf li tifla fil-klassi tagħha qalgħet gidba fuqha.

   Kate għandha _______________________________________________

   _______________________________________________

   _______________________________________________

4. Robert ra kelb bil-ġuħ abbandunat fit-triq.

Robert għandu ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Il-ħbieb ta' Marlene joqogħdu jpaċpċu fil-knisja.

Marlene għandha ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**G. Ikteb fi kliemek mhux inqas minn ħames sentenzi fuq il-ġrajja ta' meta l-Anġlu ħabbar lil Marija. (10 marki)**



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**GĦ. Dan il-kliem qalu Ġesù. Ikteb fil-qosor x'ifisser.** **(10 marki)**

" Jien id-dielja. Intom il-friegħi".

**H. Ikteb talba għan-nies li qegħdin ibatu minħabba l-gwerer.** **(5 marki)**

***Mulej Ġesù,***



**TMIEM**